MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 51/2011

**George Attard**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Attard (ID 151255M) datat l-1 ta' Novembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti pprezenta applikazzjoni ghall-izvilupp li ggib in-numru PA/02778/06 *"to sanction dwelling as built, applicant is a part-time farmer. Proposed pool and landscaping" relattivament ghall-proprjeta "Green Acres", il-Hawlija, Tas-Salib limiti tar-Rabat.*

Illi permezz ta’ decizjoni datata 30 ta’ Ottubru 2006 l-Awtorita` appellata cahdet l-applikazzjoni tal-esponenti.

Illi l-esponenti ghamel talba ghal *reconsideration* liema talba giet rifjutata permezz ta’ decizjoni datata 26 ta’ Mejju 2008.

Illi l-esponenti appella mill-imsemmi rifjut permezz ta’ appell li jgib in-numru 139/08CF, quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, liema appell gie sussegwentement assenjat lit-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi permezz ta’ decizjoni datata 13 ta’ Ottubru 2011 it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar iddecieda bis-segwenti mod:-

*“It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma d-decizjoni tas-26 ta’ Gunju 2008, dwar l-Applikazzjoni PA 2778/06 tal-Awtorita` li ddikjarat ‘dismissal’ tal-applikazzjoni fit-termini tal-**artikolu 52 (7) tal-Att dwat l-Izvilupp u l-Ippjanar tal-1992 - Kap. 356.”***

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat bl-imsemmija decizjoni u qieghed jinterponi l-prezenti appell mill-istess decizjoni.

Illi l-aggravji tal-esponent huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**1. Preliminarjament id-decizjoni appellata hija irrita u nulla**

Fil-parti decizorja tad-decizjoni appellata t-Tribunal iddikjara li kien *“qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma d-decizjoni tas-**<u>26 ta’ Gunju 2008,</u>** dwar l-Applikazzjoni PA 2778/06 tal-Awtorita li ddikjarat ‘dismissal’ tal-applikazzjoni fit-termini tal-**artikolu 52 (7) tal-Att dwat l-Izvilupp u l-Ippjanar tal-1992 - Kap. 356”***;

Izda minn kif jirrizulta mill-anness estratt mehud mill-*website* tal-Awtorita` appellata stess (Dokument ‘GA1’) ma ttiehdet l-ebda decizjoni fis-26 ta’ Gunju 2008, izda d-

decizjoni li minnha sar appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ittiehdet fis-**26 ta' Mejju 2008.**

Illi ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hija ghal kollox irrita u nulla in kwantu ikkonfermat decizjoni inezistenti u dana *stante* li fid-data indikata fil-parti decizorja tad-decizjoni appellata ma nhareg l-ebda rifjut fir-rigward tal-permess *de quo.*

Kif gie ritenut **f'Antoinette Vella vs Care Malta Limited**: (App. Inf. 12/2010 PS dec. 21/5/2010.)

*"Gja din il-Qorti kellha okkazzjoni tikkummenta illi "sentenza tista' wkoll titqies difettuza jekk jinstab li din tkun tikkontjeni motivazzjoni kontradittorja, inkoerenti u illogika b'tali mod li jkun jonqos dak il-procediment logiku guridiku mqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara in tema s-sentenza* ***"Rose Loftus et vs Ray Mallia (Blye Engineering Co, Ltd)",*** *Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju 1999. Aghar minn hekk hi s-sitwazzjoni fejn il-kontradittorjeta` tkun tinsab fil-parti deciziva tas-sentenza. Dan ghaliex hi dik il-parti operattiva tas-sentenza li taghmel il-gudikat (ara* ***Kollez. Vol. XLII Pip*** *287), u dan jinnecessita li almenu din il-parti tkun intelligibbli."*

Ladarba d-d*ecide* tas-sentenza appelata jikkonferma rifjut datat 26 ta' Gunju 2008 meta fil-fatt, minn qari tal-*file* relattiv ghall-applikazzjoni, jirrizulta *ictu oculi* li ma jezisti l-ebda rifjut datat 26 ta' Gunju 2008, isegwi necessarjament li d-decizjoni appellata hija irrita u nulla.

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess id-decizjoni appellata ghandha tigi revokata in kwantu tikser il-principju ta'** ***audi alterant partem***

L-esponenti qajjem aggravju quddiem it-Tribunal fis-sens d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp kienet nulla billi l-appellat ma kienx prezenti meta ttiehdet d-decizjoni u minghajr ma nghata pre-avviz li l-applikazzjoni kienet ser tigi *"dismissed",* u dan

b'vjolazzjoni tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq, u tal-principju ta' gustizzja naturali 'audi alteram partem'.

Jirrizulta mid-decizjoni appellata li Monica Gauci, is-segretarja tad-DCC, meta xehdet fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2010, *"li l-kaz kien fuq l-agenda, u li meta l-applikazzjoni tkun ghal dismissal - 'ma kinetx il-procedura li jintbaghtu (ittri)'.* ***<u>Ix-xhud ikkonfermat li l-Perit u l-Applikant ma kienux informati bis-seduta</u>*****.** *L-Avukat tal-appellanti, Dr. Tanya Sciberras Camilleri li xehdet fl-istess seduta tal-10 ta' Marzu 2010, ikkonfermat li kienet prezenti ghall-laqgha. Hi kkonfermat li kemm hi, kif ukoll l-perit attendew il-laqgha tad-DCC biex 'niccaraw din il-kwistjoni". Hi ddikjarat is-segwenti:*

*'Naf li ttiehed xi parir there and then u f'kemm ili nghidlek ittiehed il-vot. Jiena bhala karti ma rcevejtx biex nattendi. Pero` ssejjaht ghal laqgha li jiena fehemt ghal kjarifiki u mhux biex tigi kkunsidrata l-applikazzjoni.'"*

Dwar il-fatti m'hemmx kontestazzjoni. L-aggravju tal-appellant huwa li bil-mod kif iddirigiet ruhha l-Awtorita` appellata, ossia billi ghaddiet ghal decizjoni waqt seduta li ma kienetx intiza ghal tali skop, minghajr ma tat opportunita` xierqa lill-esponenti li jressaq il-kaz tieghu skont il-ligi, l-awtorita` appellata kisret il-principju ta' *audi alter am par tern.*

Huwa wkoll pacifiku li *"ksur tal-principju ... audi alteram partem, u fih innifsu huwa punt ta' dritt li jaghti lok ghall-appell quddiem din il-Qorti."* (**Marie Louise Farrugia noe vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**, App. Inf. 10/2005RCP dec. 30/11/2006.)

It-Tribunal ta' Revizjoni qies fid-decizjoni appellata li l-fatt li l-avukat u l-perit tal-appellanti kienu prezenti ghas-seduta fejn ittiehdet id-decizjoni kien sufficjenti biex jeskludi vjolazzjoni tal-principju ta' *audi alteram partem.*

Bir-rispett kollu lejn it-Tribunal, din il-konkluzjoni hija ghal kollox skorretta. L-ilment tal-esponenti mhux ibbazat fuq kwistjoni ta' presenza fizika *o meno* tal-esponenti jew il-

konsulenti tieghu waqt is-seduta fejn ittiehdet id-decizjoni. L-aggravju tal-esponenti jikkonsisti fil-fatt li l-imsemmija seduta ma kinetx intiza ghall-ghoti tad-decizjoni u b'hekk meta l-Awtorita` appellata qabdet u ghaddiet ghal decizjoni minghajr ebda preavviz, qabel ma l-esponenti kien lahaq ressaq il-kaz tieghu, kisret il-principju fondamentali ta' *audi alteram partem.*

Huwa pacifiku li *"Ikun hemm ksur tal-principju ta' audi alteram partem jekk il-parti ma tkunx inghata l-opportunita` tressaq il-provi taghha, jew fejn ix-xhieda moghtija minn parti ma tkunx setghet tigi kkontrollata mill-parti l-ohra minhabba nuqqas ta' opportunita`"* - **Power Projects Ltd vs Stephen Agius et** *(*PA KOST 279/98PS dec. 16/6/2003.)

L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb *"Constitutional and Administrative Law",* meta jitkellem fuq il-kontenut tar-regola *'audi alter am partem',* jghid li:

*"If the oral hearing is held, it may have to be adjourned where injustice would otherwise arise;* ***<u>a party must not be taken by surprise,</u>*** *nor be* ***<u>deprived of a reasonable opportunity to prepare his case</u>." (P.571)***

Dan huwa proprju dak li gara f'dan il-kaz. L-esponenti kien ghadu fil-fazi li jressaq provi u sottomissjonijiet quddiem l-Awtorita` appellata meta din ghaddiet ghad-decizjoni.

L-avukat u l-perit tal-esponenti ssejhu ghal laqgha li minghalihom kienet laqgha informal! Intiza sabiex jigu ccarat xi punti, tant illi l-esponenti lanqas attenda ghall-imsemmija laqgha. F'daqqa wahda, minghajr ebda preavviz u b'sorpriza kbira ghall-istess konsulenti tal-esponenti, l-Awtorita` appellata ghaddiet ghad-decizjoni dak il-hin stess.

Kif inghad f'**Paul Cassar vs Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**, *(*PA 1146/06RCP dec. 20/10/2009*),* is-smigh xieraq jinkludi l-principju ta' *audi alteram partem "fis-sens li wiehed ma jistax jimmagina s-smigh xieraq minghajr l-opportunita` li xi parti ma ssemmax lehinha fil-proceduri*

*relattivi. Dan huwa wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u l-Qorti ma taqbilx li dan il-principju mhux ta' applikabbilta` assoluta kif deherilhom il-konvenuti. "The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put to stake is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual.* ***(L'Alliance des Professuers Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec -*** *1953 riportat fil-manwal* ***The Application of the European Convention Human Rights - J.E.S. Fawcett -*** *pagna 148)."*

Is-semplici fatt li l-avukat u l-perit tal-esponenti inzertaw kienu prezenti ghall-laqgha li fiha ittiehdet id-decizjoni ma jbiddel xejn minn dana kollu. Il-kwistjoni ma tirrigwardax il-presenza fizika tal-esponenti u/jew tal-konsulenti tieghu ghall-imsemmija seduta. L-ilment tal-esponenti huwa marbut man-nuqqas tal-awtorita` appellata li taghti opportunita` xierqa lill-esponenti li jressaq il-kaz tieghu. Huwa pacifiku li tali nuqqas jammonta ghal vjolazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premess, l-esponenti, filwaqt li qed jipprezenta kontestwalment kopja tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (Dokument 'GA2') u filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tal-kaz, u jirrizerva li jressaq xhieda u jesibixxi dokumenti opportuni, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirrevoka u tannulla d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fit-13 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **George Attard vs L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** appell numru (139/08CF) u konsegwentement taghti dawk id-direttivi u provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni fir-rigward tal-applikazzjoni (PA 2778/06) maghmula mill-esponenti appellanti, sabiex b'hekk l-applikazzjoni tigi deciza skont il-Ligi, bl-ispejjez kontra l-Awtorita` appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2012.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 18 ta' Jannar 2012 a fol 21 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi permezz tal-ewwel aggravju tieghu l-appellant qed jargumenta li minhabba zball genwin, fis-sens li t-Tribunal irrefera ghal decizjoni tal-Kummissjoni bhala moghtija f'Gunju minflok f'Mejju, d-decizjoni tat-Tribunal ghandha addirittura tigi ddikjarata nulla. Bir-rispett kollu l-esponenti ma jaqbilx ma dan l-argument in kwantu dan l-izball m'huwiex wiehed li jattira n-nullita' tas-sentenza. Dan l-izball xejn ma jaffettwa d-decizjoni tat-Tribunal li hija cara daqs il-kristall u cioe' li t-Tribunal *"qed jiddisponi minn dan l-appell u jichad l-istess."* Huwa car li per konsegwenza tal-istess cahda, t-Tribunal qed jikkonferma d-decizjoni li minnha sar l-istess appell.

Illi *di piu'*, jigi rilevat ukoll li l-appellant stess fl-aggravji migjuba quddiem it-Tribunal, senjatament it-tieni aggravju, jirreferi ghad-decizjoni tal-Kummissjoni bhala moghtija f'Gunju minflok f'Mejju. Ghalhekk, bl-istess argument tal-appellant, l-appell tieghu missu gie ddikjarat null mit-Tribunal minhabba dak it-tip ta' zball?

2. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, l-esponenti jaqbel perfettament mar-ragunar tat-Tribunal li ma kien hemm l-ebda ksur tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*. Kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant, m'huwiex minnu li t-Tribunal wasal ghal tali konkluzjoni semplicement minhabba s-semplici presenza fizika tar-rapprezentanti tal-appellant. Jirrizulta b'mod car li ma kinetx semplicement il-presenza fizika tar-rapprezentanti tal-appellant (liema presenza mhix kontestata) li waslet ghac-cahda tal-aggravju izda, fi kliem it-Tribunal, l-Avukat u l-Perit tal-appellant mhux biss kienu prezenti, *"izda hadu parti attiva fil-laqgha. Dan ma jhalli l-ebda dubju li anke hekk l-appellant ma kienx fizikament prezenti, min kien ser jiggudika, sema' l-verzjoni tieghu,*

*tramite l-konsulenti – u mhux ittiehdet decizjoni wara li nstemghet biss verzjoni wahda ta' parti, b'eskluzjoni assoluta tal-parti l-ohra. Il-fatt li l-konsulenti tal-appellanti, del resto, kif minnhom ammess, kienu fizikament prezenti jfisser li l-appellant kien debitament u validament rapprezentat, fil-laqgha meta ttiehdet id-decizjoni."*

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal datata 13 ta' Ottubru 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fit-13 ta' Ottubru 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta' Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Massimo Vella ghall-appellant, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata. Il-Qorti innotat li hi sprovista mill-process tal-appell mhux anness u l-Qorti ordnat li dan isir minnufih *animo ritarandi.* Id-definsuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-28 ta' Gunju 2012.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 27 ta' Jannar 2012 a fol 25 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa vera kopja tal-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**George Attard vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjnet u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Gunju 2012 fejn irrikjamat l-appell ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-kawza u b'hekk din il-Qorti tista' u ser tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma (a) li d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar hija nulla u bla effett ghaliex fid-*decide* taghha d-decizjoni attwali iddisponiet billi cahdet l-appell quddiemu u b'hekk ikkonfermat ir-rifjut ghall-PA 955/09 mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp tas-26 ta' Gunju 2008 meta fil-verita' tali rifjut kien datat 26 ta' Mejju 2008 u allura saret riferenza ghall rifjut li fil-verita' qatt ma ezista; (b) kien hemm nuqqas ta smiegh xieraq ghaliex l-appellant ma' kienx prezenti ghad-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp proprju ghaliex la d-difensur u lanqas id-difensur tieghu ma kienu avzati b'tali seduta u din hija l-prassi skond Monica Gauci, segretarja tad-DCC meta l-applikazzjoni tkun ser tigi michuda (*"dismissed").* B'hekk inghad li l-appellant ma inghatax l-opportunita' li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u li jressaq il-kaz tieghu u dan jmur kontra l-principju *audi alteram* partem u ta' smigh xieraq u allura dan irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett skond dak ukoll deciz fis-sentenza **"Power Projects Limited vs Stephen Agius"** (P.A (Kost) (PS) – 16 ta' Gunju 2003); **"Marie Louise Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni Ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006); **"Paul Cassar vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Malta"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Ottubru 2009).

Illi dwar l-ewwel aggravju ma hemmx dubju li fid-*decide* tal-istess decizjoni tat-Tribunal hemm zball meta jinghad li qed jigi kkonfermat ir-rifjut ghall-PA 2778/06 mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-izvilupp fis-26 ta' Gunju 2008 meta fil-verita' tali rifjut kien datat 26 ta' Mejju 2008. Dan ifisser li l-istess Tribunal fil-verita' meta kkonferma rifjut ta' permess tal-Kummissjoni f'data ndikata kien qed jizbalja ghaliex fid-data ndikata ma' kien hemm ebda rifjut tal-applikazzjoni u allura t-Tribunal ma setax jikkonferma xi haga li ma kienitx tezisti. Dan huwa naturalment zball, izda dan l-izball ma gie bl-ebda mod irrangat mill-istess Tribunal, tant li l-ebda wahda mill-partijiet ma agixxa lill-istess Tribunal sabiex jirranga l-istess, u din il-Qorti issa

lanqas tista' hija tirranga jew tibdel dak li gie effettivament imnizzel fid-decizjoni tat-Tribunal u la darba dan huwa fid-*decide* tal-istess decizjoni dan irendi l-istess decizjoni tat-Tribunal nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi. Veru li dan huwa zball sfortunat kif sostniet l-Awtorita' appellata, izda minn naha taghha hija ma ghamlet xejn sabiex tirranga dak l-izball (jekk tista' taghmel) u d-data tar-rifjut tal-permess li minnu sar appell hija bla dubju data importanti u vitali u fuq kollox il-mertu tal-appell innifsu. B'hekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi dwar it-tieni aggravju jidher li d-decizjoni tat-Tribunal hija ppermjeta fuq l-allegazzjoni li la darba l-Avukat tal-parti u l-perit tal-appellant kienu prezenti ghall tali laqgha fejn giet deciza l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ghall-Kontrol ta' l-Izvilupp dan kien bizzejjed sabiex jissodisfa l-vot tal-Ligi u l-gurisprudenza nostrali ghad-dritt ta' audi alteram partem u cjoe' li l-parti ghandha tinstema' u dan minkejja l-fatt li l-appellant lanqas kien informat b'tali seduta. Jinghad li l-konsulenti tal-appellanti xorta wahda ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u ghalhekk effettivament instemghet il-verzjoni taghhom. Il-fatt inghad li l-istess konsulenti kienu prezenti jfisser li b'xi mod gew informati u ghalhekk l-appellant kien debitament u validatament rappresentant fil-laqgha meta tttiehdet id-decizjoni. Inghad li tali konsulenti setghu informaw b'dan l-appuntament lill-appellant u ghalhekk il-fatt biss li l-appellant ma kienx prezenti ghall kaz ma jammontax ghal vjolazzjoni tal-principju ta' smigh tal-partijiet fil-process.

Illi din il-Qorti thoss li dak ritenut fid-decizjoni tat-Tribunal huwa legalment zbaljat u wkoll perikoluz, ghaliex fl-ewwel l-lok il-procedura hija tal-parti u mhux tal-konsulenti tieghu, u dak li kellhu jkun informat bis-seduta tal-Kummissjoni kellhu jkun l-appellant, li jista' jaghzel li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu huwa stess jew tramite l-konsulenti legali tieghu; ghalhekk li l-parti tkun taf meta ser tkun konsidrata l-applikazzjoni taghha mill-Kummissjoni u allura n-notifika tal-istess bil-mezzi previsti mill-Ligi hija sine qua non, u dan huwa dritt tal-parti li tkun taf b'dan; jekk l-konsulent kien prezenti, u l-parti baqghet ma gietx informata bid-data tas-smigh, dan certament ma

jaddrizzax is-sitwazzjoni, u lanqas jista’ jikkompensa ghaliha, ghaliex il-konsulent qieghed hemm sabiex jassisti lill-parti izda mhux sabiex jagixxi bhala mandatarju tal-parti; ma jistax lanqas jinghad, kif sfortunatament sostna t-Tribunal, li l-konsulent tal-parti setgha javza l-parti huwa – il-principju mhux dan, u lanqas x’seta` jaghmel il-konsulent tal-appellant; ghaliex l-obbligu li tigi nformata l-parti u li l-istess parti tinghata zmien xieraq tikkombi fuq l-Awtorita’ u hadd izjed. Dak li seta` sar izda dan ma sarx kien li l-Awtorita’ tramite l-organu li kien qed jisma l-kaz jara jekk tali konsulent tal-appellant kienx dispost li jaghti ruhhu notifikat ghall parti, u l-konsulent jirregola ruhhu skond l-istruzzjonijiet li jkun gie moghti mill-klijent tieghu, decizjoni li trid tittiehed b’kawtela, u sakemm dan ma jkunx jirrizulta u ma jsehhx u wisq inqas jigi verbalizzat, b’mod li b’dan il-mod l-appellant jkun ta ruhhu notifikat b’tali data ta’ appuntament ta’ smigh tal-applikazzjoni tieghu, xorta jibqa’ d-dover u l-obbligu ta’ l-organu li jkun ser jisma’ l-kaz li almenu jinforma lill-parti sabiex tkun prezenti ghall tali smiegh u allura taghmel is-sottomissjonijiet taghha skond ir-regoli ta’ procedura tal-istess Tribunal huma x’inhuma b’mod pero li effettivament tinghata l-opportunita’ tas-smiegh lill-min ikun irrikorra ghal tali organu amministrattiv jew ta’ natura quasi gudizzjarju.

Illi x-xhieda tas-Segretarja tal-Kummissjoni – Monica Gauci – Segretarja DCC – A  datata 10 ta’ Marzu 2010 moghtija quddiem it-Tribunal stess jidher li effettivament ghall din is-seduta li fiha ittiehdet din id-decizjoni ta’ rifjut ma kienux lanqas intbaghtu ittri lill-perit u lill-applikant u dan *“billi kienet ghall dismissal, ma kienitx il-procedura li jintbghatu”.* Qalet b’mod car u tond li l-appellant u l-applikant ma jirrizultax mill-file li gew informati bis-seduta. Jidher li d-difensur legali tal-appellant kienet prezenti u kien prezenti wkoll il-perit tal-applikant, izda la darba l-istess persuni ma ndikaw bl-ebda mod li huma kienu qed jidhru bhala mandatarji tal-appellant (jekk setghu) u allura bl-ebda mod ma taw ruhhom notifikati ghall-istess appellant bl-istess appuntament, mela allura dan ifisser li tali seduta u d-decizjoni li attwalment inhadet sar bi ksur tal-principju ta’ *audi alteram partem* tal-appellant, u kisru

d-dritt tieghu ta’ smigh xieraq, ghaliex bhala minimu tali dritt jimporta li huwa ghandu jkun jaf bis-seduti li kellhom jikkoncernaw il-kaz tieghu u dan ma jidhirx li sar kif suppost, b’mod li d-drittijiet tieghu gew certament ippregudikati. Fuq dan il-punt din il-Qorti qed tkun cara kemm jista’ jkun u certament thoss li bir-rispett ma tistax bl-ebda mod taghti xi forma ta’ sostenn ghal dak ritenut mit-Tribunal f’dan ir-rigward, propju ghaliex dak hemm kontenut fl-istess decizjoni jaghti lok, jekk jigi hawn b’xi mod affermat (li ma huwiex), ghall- precedent perikoluz, u allura din il-Qorti f’dan il-kuntest qed tilqa’ anke dan it-tieni aggravju tal-appellant.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta’ tal-Awtorita’ appellata datata 18 ta’ Jannar 2012 biss inkwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti George Attard fir-rikors tal-appell datat 1 ta’ Novembru 2011 biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, u ghalhekk din il-Qorti qed tirrevoka u tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet premessi “George Attard vs L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” datata 13 ta’ Ottubru 2011 (Appell Numru 139/08CF) u konsegwentement tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta’ Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar li jista’ jiehu konjizzjoni tal-kaz skond il-ligi, sabiex fid-dawl ta’ dak deciz f’din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.**

**Illi l-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------